MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 210/2000/1

Jonathan Camilleri

vs

George Vella

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-attur li fiha ippremetta:

Illi fit-22 ta' Awissu 2000, l-attur Jonathan Camilleri kien qieghed isuq il-vettura tieghu tat-tip Rover 214 (numru ta' registrazzjoni JON 080) fil-qasam imsemmi ta' Xordin, fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, bi prudenza u bid-diligenza kollha minnu rikjesta mill-ligi u bi speed moderat;

Illi l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tieghu tat-tip Isuzu Gemini (numru ta' registrazzjoni CBD 718) b'traskuagni grassa, imperizja u b'non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tant li huwa kien qieghed jipprocedi kontra l-linja tieghu tat-triq bir-rizultat li huwa investa l-vettura ta' l-attur u mal-habta huwa allontana ruhu bil-vettura tieghu mill-istess post tal-incident;

Illi ghal istess incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi jahti unikament il-konvenut li ghandu jwiegeb ghad-danni konsegwenzjali;

Illi minhabba l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, l-attur sofra danni fis-somma ta' elf tliet mija u tnejn u ghoxirn lira Maltin u erbghin centezmu (Lm1322.40), kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess kawza;

Illi l-konvenut ghalkemm gie interpellat ufficjalment jersaq sabiex ihallas id-danni kollha minnu kkagonati baqa' inadempjenti;

Talab ghaliex din l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut hati ta' l-istess incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi;

2. konsegwentement tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf tliet mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm1,322.40) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, prevja, okkorrendo, permezz ta' perit li jigi nominat ghall-istess fini;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-3 ta' Novembru 2000 u dik ufficjali tas-17 ta' Novembru 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa imharrek.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghalhekk ghandhom jigu michuda stante illi l-attur Jonathan Camilleri kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni;

2. illi huwa telaq minn fuq il-post ta' l-incident ghaliex l-attur hareg ghalih b'hadida u fil-fatt kissirlu l-windscreen tal-vettura tieghu u dana wara li tela' bil-wieqfa fuq il-vettura u beda jkisser;

3. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni reklamati mill-attur huma esagerati;

4. salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-kontrotalba tal-konvenut fejn ippremetta:

Illi huwa kien involut fl-incident stradali li sehh fit-22 ta' Awissu 2000 fil-qasam imsemmi 'Ta' Xordin' limiti tan-Nadur, Ghawdex, bejn il-vettura tal-marka Isuzu Gemini u bin-numru ta' registrazzjoni CBD 718 appartenenti u misjuqa minnu u l-vettura tal-marka Rover 214 u bin-numru ta' registrazzjoni JON 080 appartenenti u misjuqa mill-attur Jonathan Camilleri;

Illi l-incident de quo gara unikament minhabba speed eccessiv, traskuragni grassa, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur Jonathon Camilleri;

Illi ghall-istess incident tat-traffiku jahti unikament l-attur u ghalhekk ghandu jwiegeb ghad-danni kawzati fl-istess incident;

Illi huwa sofra danni fil-vettura tieghu kawza l-istess incident kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-kawza;

Illi l-attur ghalkemm gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu kkagjonati, baqa' inadempienti;

Talab ghaliex din l-Qorti m'm'ghandhiex:

1. tiddikjara l-attur unikament responsabbli ta' l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi;

2. tillikwida ghalhekk id-danni kollha sofferti mill-konvenut per konsegwenza ta' dan l-incident awtomobilistiku;

3. tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenut id-danni hekk sofferti u likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri interpellatorji tat-23 ta' Ottubru u tas-27 ta' Novembru 2000;

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess Jonathan Camilleri ghall-kontro-citazzjoni tal-konvenut George Vella fejn eccepixxa:

1. illi t-talbiet tal-konvenut kif dedotti fil-kontro citazzjoni huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi l-attur m'huwiex responsabbli bl-ebda mod ghall-incident stradali imsemmi fic-citazzjoni.

2. salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Semghet u ezaminat il-provi kollha wkoll dawk mismugha mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-verbal taghha tas-7 ta' Lulju 2004, l-atti sussegwenti, u n-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur;

Ikkunsidrat:

Permezz tac-citazzjoni tieghu l-attur qieghed jitlob risarciment tal-hsara sofferta minnu fil-vettura tieghu (JON 080) konsegwenza ta' habta, involut il-konvenut. Minn naha tieghu l-istess konvenut qieghed similment jitlob li jigi risarcit mill-attur tal-hsara sofferta fil-vettura tieghu (CBD 718) fl-istess habta. L-incident awtomobilistiku n-kwistjoni huwa dak li sehh fil-qasam "Ta' Xordin" limiti tan-Nadur, intqal fit-22 ta' Awissu 2000, ghal habta tal-10.15 ta' filghaxija. Il-kontendenti t-tnejn jaqblu li l-habta meritu din il-kawza sehhet u t-tnejn jindikaw is-sena 2000 kuntrarjament ghall-okkorrenza tal-pulizija (esebita aktar minn darba fl-atti) li ssemmi s-sena bhala li kienet l-1999. Hu x'inhu il-kaz, u mir-ricevuti esebiti mill-attur jirrizulta wisq car li s-sena korretta hija dik imnizzla fl-okkorrenza, ftit jew xejn din l-inkoretezza ghandha xi effett materjali jew sostanzjali fuq il-kaz stante illi z-zewg partijiet qeghdin jirreferu unikament u esklusivament ghall-habta li fiha huma kienu involuti t-tnejn li hi dik meritu din l-kawza.

Illi tajjeb f'dan l-istadju li ssir s-segwenti osservazzjoni: li mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur ppresenta ricevuti sabiex jissostanzja l-hsara minnu sofferta fil-vettura tieghu. Il-konvenut dan m'ghamlux u mkien ma kkwantifika l-hsara sofferta fil-vettura tieghu nonostante r-rikors tieghu fl-ahhar stadji tal-kawza. Dana l-fatt ghandu naturalment r-rilevanza tieghu billi fid-dawl li l-kontendenti qeghdin it-tnejn jiskambjaw r-responsabilita' reciprokament f'kaz pero' li jigi deciz li t-tort hu tal-attur tajjeb li jinghad ghal kull bon fini illi t-talbiet tal-konvenut in kwantu diretti ghall-likwidazzjoni u kundanna tal-hlas tad-danni ma jinsabux pruvati.

Trattat il-meritu tal-kawza huwa stabbilit li in materja ta' kollizjonijiet m'hemmx presunzjonijiet u sewwieq irid jipprova l-htija ta' l-iehor u dan jista' jaghmlu posittivament

(billi jipprova s-sewqan hazin ta’ l-iehor) ukoll negattivament, billi jeskludi s-sewqan hazin tieghu stess – Appell Civili: Fenech –vs- Camilleri, deciz 30 ta’ Marzu 1973. Ukoll, fl-allokament ta’ responsabilita’, irid jinsab in-ness ta’ kazwalita’ effettiva jew prossima – Appell Civili: Bongailas –vs- Mercieca - liema ness ta’ kazwalita f’dan il-kaz ghandha twassal ghall-konkluzjoni wahda li t-tort tal-kollizjoni ghandha taqa’ kompletament u fl-intier taghha fuq il-konvenut. F’dan il-kuntest, u qabel ma taghti r-ragunijiet taghha ghal dan, il-Qorti ma tistax ma ssemmix il-hela ta’ zmien inutili li kkawza l-konvenut jittanta jipprova x’gara sussegwenti ghall-kollizjoni u l-hsara li ghamillu l-attur fil vettura tieghu permezz ta’ vjolenza fizika li taghha l-attur ammetta t-tort u ddikjara li hallas taghha; f’ebda hin kontradett mill-konvenut. Il-kawza in disamina pero’ titratta l-kollizjoni per se u l-hsara konsegwenzjali li tiddependi minn min fost il-kontendenti kien responsabbli, in parti jew fl-intier, ghaliha. Kif gja inghad lil din il-qorti jidrilha li responsabbli ghall-kollizjoni hu l-konvenut biss. Fil-fehma taghha dana johrog ezawrjentement car billi jirrisulta li l-konvenut kien interament fuq in naha hazina tat-triq meta sehhet il-kollizjoni. Il-Qorti hawnhekk tiehu spunt minn dak li ssottometta l-attur dwar il-fatturi determinanti li jistabilixxu l-allokament tar-responsabbilita’. Dawn huma: l-versjoni tieghu korroborata sewwa mill-vetturi kif spiccaw wara l-incident: l-point of impact; il-hsara fll-vetturi u x-xhieda prodotta minnu.

Fir-rigward il-likwidazzjoni tad-danni l-ammont mitlub mill-attur jidher li hu gustifikat stante illi mir-ricevuti annessi l-ispejjez hemm indikati huma kollha indikattivi li gew inkorsi konsegwenza tal-kollizjoni u biss minhabba fiha.

Ghaldaqstant, tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza, billi tilqa it-talbiet tal-attur u konsegwentement tichad kemm l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghall-istess u t-talbiet tal-kontrotalba tieghu. Konsegwentement, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni, u tillikwida l-ammont tal-hsara kkawzata lill-attur fis-somma ta’ Lm1,322 (elf tliet mija u tnejn u tletin lira maltin) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma

hekk likwidata bl-imghax mill-prezentata tac-citazzjoni u bl-ispejjez kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------